ta' Patri Diotallevi. U wara dawn, waqqaf l-Istitut Bibliku, li għadu wieqaf u miexi tajjeb wisq, u jħabbatha mal-aqwa skejjel għal ħarsien tal-għelm u għal ġiħ tal-Knisja Kattolka. Kabbar ukoll il-kulleġġ ta' Emmaws, u ħeġġeġ lil Patrijiet kumissarji biex isibu u jibgħatu tfal subjien li jridu jsiru Patrijit fit-Terra Santa, hekk li fi żmien qasir il-Kulleġġ tgħammar. Beda joħroġ ir-Rivista: "La Terra Santa", bi tliet lingwi, Taljan Franċiż u Spanjol (u issa qegħda toħroġ ukoll bil-Għarbi), u żied l-istazzjon tad-Duluri fuq il-Kalvarju fil-Proċessjoni ta' kull filgħaxija.

Dawn huma kollha monumenti lil Kustodju Patri Ferdinando Diotallevi O.F.M., li jdumu jfakkru ismu iktar milli kienu statwi tal-bronż u tar-rħam. Monumenti li twaqqfu bissaħħa tiegħu ma' tul is-sitt snin li dam Kustodju tal-Art Imqaddsa.

Wara dan, Patri Diotallevi raġa' telaq lejn pajjiżu l-Italja, fejn ingħatawlu f'idejh, mis-Superjuri tal-Ordni, xogħlijiet kbar u riedu jagħmluh Isqof, u hu ma riedx. Fis-sena 1930 raġa' lejn il-Provinċja tiegħu, Le Marche, fejn l-aħħar xogħol tiegħu kienu l-bini ta' Kunvent u knisja kbar. U baqa' hemm sa xjieħ u miet fil-Belt ta' Ancona, ta' 89 sena, meqjum u mfaħħar minn kull ħadd għall umilta' tiegħu, li bosta drabi rrofta li jsir Isqof, u għax-xogħlijiet sbieħ u kbar u ta' siwi, li għamel ma' tul il-qagħda tiegħu fid-dinja.

WIEĦED LI JAFU

# IZ-ZAR

X'inhu ż-"Żar"? Iż-Żar huwa egħmil, donnu xi sħarijiet; huwa bħal skonġrar, bħal tkeċċija tal-erwieħ ħżiena li l-Fellaħîn (jiġifieri n-nies tar-rħula) tal-Eġittu, jemmnu biħ u jagħmluħ biex ifejjqu xi mard. Meta xi ħadd ikollu xi marda fil-ġisem jew fil-moħħ, li l-Fellaħîn ma jkunux jafu x'inhi, jibdew jaħsbu li l-marid ikollu fiħ xi ruħ ħażina, għal hekk rawmu bħal ritwâl, li biħ, minn għaliehom, ikeċċu dik ir-ruħ ħażina li jkun hemm fil-marid. Dan huwa ż-Żar!

* * *

Ir-raħal kollu kien jaf li kien qiegħed jitħejja ż-Żar, għax id-daqq tal-otbla u r-riħa qawwija tal-lubien li kienu ġejjin mid-dar ta' tarf it-triq, urew ċar x'sejjer isir. Għal hekk dawk in-nies kollha li kienu jaħsbu li huma maħkuma minn xi ruħ ħażina, marru hemm, hekk li meta ġiebu l-marid iċ-ċkejken, li minn kemm il-ġimgħa kien jidher li sejjer 'l ura, id-dar kienet laħqet inmtliet b'xi żewġ tużżani nisa, fosthom in-nisa daqqâqa. Ilkoll kienu bil-qegħda, jew kokka, fuq il-ħsajjar, ma' tul il-ħitan, waqt li l-qassisa ta' dan il-kult, jiġifieri l-*qâdja*, kienet wieqfa fin-nofs ma' ġenb kenun, li minnu kien ħiereġ id-duħħan tal-bhur.

Ħin minnhom, din il-qassisa qabdet il-marid iż-żgħir u refgħetu fuq il-kenun, waqt li bdiet tgħid kliem li ma jiftiehemx. Imbagħad, għall-għarrieda, waqt li l-otbla qawwew id-daqq ikraħ tagħhom, qalbitu wiċċu 'l isfel fuq id-duħħan tal-lubien, u qabbditu jieħu n-nifs minnu. It-tifel beda jitkagħwex, għax ħass ruħu li kien sa jinħanaq.

In-nisa li kienu hemm, bid-daqq tal-otbla, bid-duħħan tal-bhur, u bit-twerżiq tal-marid iċ-ċkejken, tahom bħal ferħ ta' ġenn; bdew jaqbżu u jgħollu jdejhom u jgħajjtu; baqgħu

sejrin hekk sa kemm tahom il-mejt u xteħtu fl-art bħal bis-sakra, jgħidu kliem li ma tistax tifhmu, waqt li l-otbla baqgħu jdoqqu, bil-ħsejjes tagħhom ta' daqq imdamdam u f'xulxin, bla ma qatgħu. Il-Fellaħîn jemnu li dak il-ħin, lill-erwieħ ħżiena tkun tagħthom għaxwa, bir-riħa tal-lubien, bil-ħsejjes tad-daqq tal-otbla, u bil-għajjat u t-twerżiq u l-qbiż u d-dawrien.

tagħha, li malajr kienu jaqbduhom u jaqtgħulhom griżmejhom u jħallu d-demm tagħhom nieżel għal ġewwa żinġla. Lin-nisa li kien hemm miġbura raġa' tagħom ferħ ta' ġenn, u kull waħda bdiet tittaffa' biex tbill subgħajha fid-demm ta' ġewwa ż-żinġla, u ċċappas biħ rasha, wiċċha u ħwejjiġha.

Il-bqija tal-iskunġrar sar fit-tielet jum, bil-qari fuq ras it-tifel il-marid



*Dawn in-nisa ma jemmnux biż-Żar! Ġew huma u ġiebu t-trabi magħhom fl-Ispiżerija tal-Franġiskani, biex jieħdu d-duwa meħtieġa.*

Il-għada dan ir-ritwâl sar mill-ġdid, imma din id-darba sar biex jissaffew il-morda. Ġiebu ħamiem, ħusjien u fniek, u l-*qâdja*, jew qassisa, bdiet tgħaddihom minn fuq il-kenun tal-lubien, u mbagħad tixħethom f'rokna, fejn kien hemm żewġ nisa qaddejja

u d-dbiħ tal-bhejjem il-kbar, li kienu ħaruf u għaġol. L-otbla bdew idoqqu bl-oħxon aktar mill-jiem ta' qabel, u l-kenun beda jtalla' d-duħħan u joħnoq lil kull ħadd, u ż-żfin tan-nisa aktar ħrax. Il-*qâdja* reġgħet resqet lejn it-tifel u bdiet taqralu fuq rasu

kliem ta' tifsir moħbi, li ma jifhmu ħadd, imbagħad qatgħet griżmejn il-ħaruf u l-għoġol, quddiem l-għajnejn imberqa tat-tfajjel, fost l-għajjat li jtarrax tan-nisa li kienu hemm.

Hekk, l-iskunġrar ħeles, u r-ruħ ħażina li kienet qegħda tmarrad lit-tifel, kif jaħsbu l-Fellaħîn, kienet imkeċċija minnu. Imma wara erbgħa u għoxrin siegħa, dak it-tfajjel miet! Pulmunite bla mdewwija kienet qatlitu. Il-fehma tan-nies boloħ li kienu ma' dwaru kienet li kellu fiħ ruħ ħażina, li biex ikeċċuhielu kienu għaddewħ minn dak it-tiġrib ikraħ kollu: tarrxuħ bid-daqq tal-otbla u t-twerżiq; ħanquħ bid-duħħan; u werwruħ bil-qtil u d-demm tal-bhejjem midbuħa, minn flok ma tawħ ftit antibjotki, li kienu jgħinuħ. U hekk dak il-ġenn kollu ma kien sewa għal xej!

PATRI LINO CAPPIELLO
O.F.M.

# MAMMA!

Hemm isem isbaħ mill-ismijiet kollha; ohla mill-frott u mill-għasel kollu; egħżeż mill-ġawhar u d-djamanti kollha; dan l-isem tal-għaġeb hu **MAMMA!**...

Huwa l-għaqda, ir-rabta, tal-ħajja ta' kull bniedem, għax fiħ jinġabru l-uġiegħ, il-għaxqa, il-ferħ u d-dwejjaq, l-imħabba u l-istekkriħ, u l-qawwiet kollha maħżuna u moħbija fil-qalb ta' kull ħaj maħluq. Huwa l-isem li nebbaħ lill-akbar poëti taqbil tal-ogħla benna, fil-għamla u fir-reqqa tal-ħsus u l-ħsebijiet. Hu li tagħha l-lehma lill-imgħallmin tat-tiswir fit-naqqix ta' xbieħat għonja, fil-qagħda u fit-taqsim tal-lwien. Isem, li f'kull żmien fost ġins bin âdam kien il-qofol tal-qima u t-tifħir ta' kull xirka.

Bil-waqgħa ta' Adam u Eva l-ewwel missier u omm tagħna, Alla, f'daqqa, ċaħħadna mill-wirt tagħna. Il-Ġenna, bil-hena tagħha kollu, li kienet tkun tagħna wara ftit żmien ta' qagħda f'din id-dinja, tlifnieha; u bħala qsâs, Adam u flimkien miegħu aħna, stħaqqejna għadab Alla u l-infern. Imma Alla, li Huwa ħin wieħed ħanin bla tarf u tajjeb, li jibqa' jħobbna u jaħ-



*L-artal fil-Grotta Kappella tal-Madonna tal-Ħalib, f'Betlehem. Ġewwa nniċċa fuq l-artal hemm statwa, li tidher fir-ritratt li ġej.*